MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 874/2005

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**Vs**
**Dottor Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno li b'digriet tal-31 ta' Mejju, 2005 gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjeta' Trinal Company Limited (C6816)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha is-socjeta' attrici ippremettiet illi:

Premess illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' konvenuta *Equal Company Limited* fis-somma ta' mija u sitta u erbghin elf, mitejn u seba' u sittin Liri Maltin u disa' u tmenin centezmu (Lm146,267.89) (Dok 'A1'' u A2'')

flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mid-29 t’Awissu, 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

U premess illi permezz ta’ kuntratt datat 22 ta’ Settembru 2004 in atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler (Dok ‘’B’’) is-socjeta’ konvenuta *Trinal Company Limited* iggarantiet flimkien u ‘*’in solidum”* mas-socjeta’ *Equal Company Limited* ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tas-socjeta’ *Equal Company Limited* elenkati fil-prospett (Dok ‘’A1’’ u A2’’) u cioe’ fis-somma ta’ mija u sitta u erbghin elf, mitejn u seba’ u sittin Liri Maltin u disa’ u tmenin centezmu (Lm146,267.89) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mid-29 ta’ Awissu, 2005 sal-jum tal-pagament effettiv.

U premess illi l-konvenuti nomine gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 2 ta’ Mejju, 2005 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata ‘’Dok ‘’C’’, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Jghidu l-konvenuti nomine ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet msemmija,

(1) Tikkundanna lis-socjeta’ *Trinal Company Limited* thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u sitta u erbghin elf, mitejn u seba’ u sittin Liri Maltin u disa’ u tmenin centezmu (Lm146,267.89) bilanc ghad-debitu fil-‘*’Loan Account”* tas-socjeta’ *Equal Company Limited* mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok ‘’A1’’ u A2’’) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mid-29 ta’ Awissu, 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament; u

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 2 ta’ Mejju, 2005 mibghuta lill-konvenuti nomine li huma ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni u minghajr pregudizzju ghal bilanci ohra dovuti mis-socjeta’ *Trinal Company Limited* lis-socjeta’ attrici li ghalihom is-socjeta’ attrici tipprocedi f’istanzi separati.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol.3 tal-process;

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 32 tal-process fejn eccepew:

1. L-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u jirrizervaw meta jkun kas li jissottomettu eccezzjonijiet ulterjuri;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill P.L. Joseph Zammit rapprezentant tal-Bank jiddikjara li l-ammont mitlub ghadu dovut.

Rat id-dokument a fol. 22 fejn jirrizulta li Frank Scicluna, l-uniku direttur tal-kumpanija Trinal Company Limited, jinsab barra minn Malta.

Rat li ma saret ebda kontestatazzjoni tat-talbiet attrici;

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talbiet attrici
U tikkundanna lis-socjeta' *Trinal Company Limited* thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sitta u erbghin elf, mitejn u seba' u sittin Liri Maltin u disa' u tmenin centezmu (Lm146,267.89) bilanc ghad-debitu fil-'*'Loan Account''* tas-socjeta' *Equal Company Limited* mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok ''A1'' u A2'') flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-29 t'Awissu, 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti solidalment.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------